# B'TIFKIRA TA' OMMI

Tal-ħawħ is-siġra sbejħa
Ilmaħt tħaddar mill-ġdid:
Ingħafset qalbi, u jiena
Darb'oħra ħlomt dik l-id
Li mellset xagħri, u minnha
Ruħi kisbet kull ġid.

Ilmaħt id-dell tal-ħawħa
U fih xbihetek rajt...
Stħajjiltni qiegħed f'ħoġrok,
U leħnek bħal donnajt
Jgħannili għanja ħelwa,
Li bħalha qatt ma' smajt.

Ftakart f'jiemi l-maħruba
Safja mill-iċken dnub;
Ftakart fil-ferħ u l-hena
Li kienu jġarrbu l-qlub
Tagħna magħquda f'waħda...
Rajt kif kull ħaġa ddub!...

W'imbagħ'd fuq ħsiebi waqa'
Bħal toqol kbir ta' hemm...
Ħassejt il-ġismi jiksaħ;
Ħassejt jieqafli d-demm:
Għax rajt li dik il-ħlewwa
Inbidlet fl-eħrex semm.

Tfajt ħarsa għall-aħħar darba
Fuq tas-siġra l-werqiet:
Intbaħt li mill-ġdid reġgħu
Għal ħajja fuq min miet...
U bkejt...għax rajt li ommi
Marritli...w qatt ma ġiet.

*

*(Din il-poëżija magħżula fost il-kitba li jibagħtulna l-barranin)*